**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur AnnaMarie Xuereb)**

**Vs**

**Anthony Scicluna**

Kumpilazzjoni Numru: 943/2012

Illum 11 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Scicluna ta' 61 sena, bin Giovanni u Grazia nee' Vella, imwieled Hal Ghaxaq nhar is-17 ta' Settembru 1950, residenti Douzenov, Triq il-Vjola, Marsaskala, detentur ta' karta tal-identita' numru 885350(M):

Talli fix-xahar ta' Frar 2012 u fix-xhur u sena ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/I ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Edward Cassar u l-Kumpanija Chianti Storm Ltd, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Kumpanija Chianti Storm Ltd (C-23401);

3. U aktar talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ntalbet sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 23, 23A, 23B, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Ufficjal Prosekutur u rat in-noti ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' approprjazzjoni indebita, frodi u li huwa recediv.

Illi jehtieg li din il-Qorti tirreferi ghall-fatti kif jirrizultaw mill-atti processwali b'mod kronologiku:

- Ghall-habta ta' nofs Gunju tas-sena 2011 l-imputat Anthony Scicluna gie introdott permezz ta' terza persuna, Joseph Fenech, ma' Edward Cassar. Dan Joseph Fenech kien habib ta' Edward Cassar.
- Edward Cassar kien direttur, fost ohrajn, tal-kumpanija Chianti Storm Ltd li kellha xi proprjeta' li huwa xtaq li tinbiegh billi kellu problema ta' likwidita' ta' flus.
- F'dan iz-zmien Edward Cassar kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u inoltre' jghid li kellu wkoll problemi ta' sahha. Ghalkemm Edward Cassar ghandu tifel, dak iz-zmien proprju minhabba l-proceduri ta' separazzjoni ma xtaqx li jinvolvi lil ibnu f'din il-kumpanija msemmija fil-punt precedenti.
- Inoltre' billi dan Edward Cassar kellu hafna proceduri legali xtaq lil xi hadd jirrapprezentah.
- Ftit jiem mill-inkontru ma' Anthony Scicluna jirrizulta li Edward Cassar pogga lill-imputat bhala direttur tal-kumpanija Chianti Storm Ltd.
- Mhux hekk biss ghaliex fil-21 ta' Gunju 2011 Edward Cassar hatar lil Anthony Scicluna bhala prokuratur generali tieghu[1] minn fejn jirrizulta li l-ahhar klawzola kienet tistipula li Scicluna kien awtorizzat minn Cassar *"To appear in my name and on my behalf on any Notarial deed of sale, exchange, donation, partition as the case may be, to agree to all the terms and conditions therin contained, to warrant the true enjoyment and peaceful possessions of any property transferred,*

[1] Dok AM16 a fol 72 tal-process

*to pay or order the payment of all or any sums of money due to the Commissioner of Inland Revenue by way of provisional or final tax as the case may be, to accept in my name all or any sums of money that may be due to me as proceeds of such sale and to do, generally, all that may be required of him as though he were the beneficial owner thereof".*

- Fit-22 ta' Gunju 2011 thejjiet u giet iffirmata skrittura privata[2] bejn Edward Cassar u Anthony Scicluna. Minn din l-iskrittura jirrizulta li Edward Cassar kien qieghed jiddikjara li l-imputat kien se jrendilu servigi u dan billi huwa kellu bzonn assistenza fizika; kif ukoll, li Scicluna kien se jagixxi ta' direttur tal-kumpanija Chianti Storm Ltd. Il-partijiet iddikjaraw ukoll:

*"Appearer Cassar therefore agrees to pay appearer Scicluna the sum of three thousand five hundred (Euros 3,500) every month as a salary, payable from the date of the first sale of immovable property owned by Chianti Storm Limited and every month there after*

*And*

*Twenty per cent 20% as a commission on sales of the immovable property of the company Chianti Storm Limited effected by the company while the said Scicluna remaining director of the company.*

*Such commission will be paid by the company as to a relative percentage on any deposits accounts and the balance on final deed."*

- Fid-29 ta' Novembru 2011 gie ppublikat kuntratt ta' bejgh ta' proprjeta' immobbli min-Nutar Ruben Casingena[3]. F'dan il-kuntratt l-imputat f'isem u ghan-nom tal-kumpanija Chianti Storm Limited biegh tlett porzjonijiet divizi mill-art li jifformaw parti mill-ghalqa denominata 'taz-Zonqor' fil-limiti taz-Zonqor, Marsaskala lil certu Dione Borg ghall-prezz ta' €20,000. Gie dikjarat li dawn il-porzjonijiet ta' art jinsabu barra mill-iskema tal-bini.
- Dan il-kuntratt sar in segwitu ghall-konvenju li kien sar bejn il-partijiet.
- Jirrizulta li Dione Borg hareg cekkijiet[4] fuq isem Anthony Scicluna personalment. Ghalkemm l-imputat fl-istqarrija tieghu ighid li ma kienx huwa li qal lil Dione Borg biex ic-cekkijiet jinhargu fuq ismu

[2] Dok AM4 a fol 49 tal-process
[3] A fol 34 tal-process
[4] Dok AM1 a fol 28 et seq tal-process

personali, Dione Borg min-naha l-ohra xehed li kien proprju Scicluna li talbu li jikteb ic-cekkijiet fuq ismu u huwa ma ra xejn hazin billi Scicluna kien id-direttur tal-kumpanija. Il-Qorti tqis li Borg huwa aktar kredibbli mill-imputat fuq dan l-aspett kemm ghaliex Borg huwa xhud indipenenti kif ukoll ghaliex Scicluna kien qieghed jippretendi hlas ghax-xoghol tieghu hekk kif se jirrizulta aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

- L-imputat innifsu jammetti fl-istqarrija tieghu u anki waqt ix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti li dawn ic-cekkijiet issarrfu minnu u l-flus m'ghaddihomx lill-kumpanija Chianti Storm Limited.
- Minn verifiki li saru mill-istess Spettur Xuereb jirrizulta li wara li marru fuq il-post ossija fuq ir-raba' li nbieghu biex jivverifikaw kienx hemm xi diskrepanza fil-prezz irrizulta li l-plots la huma tajbin ghall-bini u lanqas biex jinhadmu u kwindi rrizulta li l-prezz indikat kien konsonanti ghall-valur tar-raba'.
- Edward Cassar sostna li huwa ma kienx jaf b'dan il-bejgh *a priori* u wara li gie a konoxxenza tieghu ppretenda li l-imputat ighaddilu l-flus kollha.
- Jirrizulta li f'Dicembru 2011 (qabel il-ferjat tal-Qorti) w allura qabel is-17 ta' Dicembru 2011 (izda d-data preciza ma tirrizultax) saret laqgha bejn Edward Cassar, l-avukat tieghu cioe' Dr Louisanne Pulis u l-imputat. Dr Pulis tixhed li Cassar u l-imputat kienu telqu bl-intiza li l-imputat kellu jhallas il-multi tal-VAT, tal-MFSA u lill-awdituri u li hija kienet irrakkomandat li biex ma jinqalghux problemi, sakemm Scicluna kellu l-prokura, kellu jsir kollox bil-miktub u jekk kien se jkun hemm bejgh ta' art kellu jitnizzel kollox bil-miktub cioe' dwar kemm kellha tinbiegh l-art u x'kien se jsir mir-rikavat. Dr Pulis xehdet ukoll li Cassar dakinhar tal-laqgha qal lill-imputat li riedux aktar prokuratur tieghu. L-imputat ukoll f'Jannar 2012 talab biex ma jibqax prokuratur.
- Fl-atti tirrizulta wkoll Board Resolution tal-kumpanija Chianti Storm Limited[5] datata 15 ta' Dicembru 2011 ffirmata mill-imputat u minn Edward Cassar li tawtorizza lid-Direttur (l-imputat odjern) ibiegh it-tlett proprjetajiet hemm indikati ghall-valur li ma setax ikun anqas minn dak indikat fl-istess rizoluzzjoni.
- Fl-20 ta' Dicembru 2011 l-imputat fil-vesti tieghu ta' direttur ta' Chianti Storm Limited deher fuq konvenju ma Joseph Gauci li kien qieghed jidher ghan-nom tal-kumpanija Joseph Gauci Limited[6].

[5] Dok AM 13 a fol 67 tal-process
[6] Dok AM6 a fol 55 tal-process

Permezz ta' dan il-konvenju Chianti Storm Limited intrabtet li tbiegh u titrasferixxi lill-kumpanija Joseph Gauci Limited li min-naha taghha obbligat ruhha li tixtri u takkwista l-utile dominium perpetwu tal-porzjon art maghrufa bhala *'Ta' Barbara' situated in the district known as 'tal-Ibrac' or 'Ta' l-Ibrag' in the limits of San Gwann formerly Birkirkara* deskritta fl-istess skrittura bil-kundizzjonijiet elenkati ghall-prezz ta' €20,000.

- Fl-istess gurnata l-imputat fil-vesti tieghu ta' direttur ta' Chianti Storm Limited deher fuq konvenju ma Joseph Gauci li kien qieghed jidher ghan-nom tal-kumpanija Joseph Gauci Limited[7]. Permezz ta' dan il-konvenju Chianti Storm Limited intrabtet li tbiegh u titrasferixxi lill-kumpanija Joseph Gauci Limited li min-naha taghha obbligat ruhha li tixtri u takkwista l-proprjeta' deskritta fl-istess skrittura cioe' *the stores and surrounding land forming part of the land known as 'Ta' Ghadma' sive 'Ta' Gerxja' in the district konwon as 'Ta' Wied Qannotta' at Wardija limits of saint Paul's Bay* bil-kundizzjonijiet elenkati ghall-prezz ta' €240,000.
- Fl-istess gurnata wkoll l-imputat fil-vesti tieghu ta' direttur ta' Chianti Storm Limited deher fuq konvenju ma Joseph Gauci li kien qieghed jidher ghan-nom tal-kumpanija Joseph Gauci Limited[8]. Permezz ta' dan il-konvenju Chianti Storm Limited intrabtet li tbiegh u titrasferixxi lill-kumpanija Joseph Gauci Limited li min-naha taghha obbligat ruhha li tixtri u takkwista l-proprjeta' deskritta fl-istess skrittura ossija *the divided portion of land known as ta' Lanzun at Mensija, San Gwann formerly in the limits of Birkirkara* bil-kundizzjonijiet indikati ghall-prezz ta' €861,000.
- Joseph Gauci li deher fuq dawn it-tlett konvenji u li deher ghan-nom tal-kumpanija Joseph Gauci Limited huwa r-ragel tat-tifla tal-imputat li joqghod fl-istess residenza mal-imputat.
- Edward Cassar isostni li huwa ma kienx jaf b'dawn il-konvenji qabel ma gew iffirmati.
- Fit-2 ta' Frar 2012 giet ipprezentata fir-registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ittra ufficjali[9] indirizzata lil Anthony Scicluna li permezz taghha Edward Cassar filwaqt li ghamel referenza ghall-prokura generali datata 22 ta' Gunju, 2011 moghtija minnu lill-imputat formalnent infurmah li l-prokura msemmija giet revokata u rexissa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ddifida lill-imputat milli jagixxi b'ebda mod f'ismu jew f'isem il-kumpanija Chianti Storm Limited li fih huwa azzjonist u direttur.

[7] Dok AM7 a fol 58 tal-process
[8] Dok AM8 a fol 61 tal-process
[9] Dok AM15 a fol 71 tal-process

- Din l-ittra ufficjali giet notifika lill-imputat fl-24 ta' April 2012.
- L-istess imputat jixhed li kien sar jaf tramite terzi persuni, qabel id-data li gie notifikat bl-ittra ufficjali, li Cassar kien nehhih minn direttur tal-kumpanija.
- Jirrizulta li l-*economic crime unit* fi hdan il-pulizija rceviet kwerela minghand id-diretturi tal-kumpanija Chianti Storm Limited l-ewwel fit-13 ta' Frar 2012. Sussegwentement intbaghtet kwerela ohra fit-3 ta' Mejju 2012[10] li eventwalment wasslu ghall-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi waqt it-trattazzjoni gie spjegat li l-ewwel imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, dik ta' approprjazzjoni indebita, tirreferi ghall-kuntratt ta' bejgh li gie ppubblikat fid-29 ta' Novembru, 2011.

Ghar-rigward tar-reat ta' mizapproprjazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** [11] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

L-awtur Francesco Antolisei jikteb:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole**[12] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li :

---

[10] Dok AM2 a fol 31 tal-process
[11] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013
[12] 23 ta' Dicembru 2003

*"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-nonrestituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo.* ***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.*** *Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole"*[13].

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'approprjazzjoni indebita billi wara li biegh proprjeta' fil-vesti tieghu bhala direttur tal-kumpanija Chianti Storm Limited l-ammont percepit mill-bejgh tal-proprjeta' ma nghatax lil Edward Cassar jew lill-istess kumpanija.

Illi Edward Cassar xehed li huwa ma kienx jaf b'dan il-bejgh qabel ma sar. Din il-Qorti filwaqt li hija konxja li Cassar ghandu problemi ta' sahha tqis li x-xhieda ta' Cassar f'dan ir-rigward mhix tant kredibbli. L-istess Cassar filli jghid li ma kienx tah prokura filli jikkonferma li tah prokura. Jallega diversi affarijiet fil-konfront tal-imputat u terzi izda meta saru l-verifiki min-naha tal-ispettur Xuereb irrizulta li l-

[13] The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

prezz tar-raba' mibjugh permezz tal-kuntratt fil-fatt kien dak korrett u jirrifletti l-valur tas-suq. Fi kwalunkwe kaz, l-istess Cassar kien ta prokura generali lill-istess imputat biex proprju jkun jista' jagixxi minfloku. L-effetti ta' prokura generali huma regolati naturalment mill-kodici civili u l-konsegwenzi jekk ikun hemm nuqqas min-naha ta' min qieghed jagixxi ta' prokuratur iwasslu wkoll ghall-konsegwenzi stipulati mill-istess ligi.

Irid ukoll jigi rilevat li ghalkemm Edward Cassar ippretenda li l-imputat ighaddilu r-rikavat tal-bejgh, madankollu ma jistax ma jigix innutat li l-imputat fil-vesti tieghu ta' direttur tal-kumpanija biegh proprjeta' appartenenti lill-kumpanija li ghandha personalita' guridika separata u distinta minn dik ta' Edward Cassar. Kwindi r-rikavat tal-bejgh anki jekk Edward Cassar kien l-uniku azzjonist tal-kumpanija l-imputat ma setax ighaddi l-flus lil Edward Cassar personalment. Kwalunkwe rikavat kellu semmai jghaddi fil-kontijiet tal-kumpanija Chianti Storm Limited.

Jirrizulta mill-atti li dan ma sarx ghaliex l-imputat innifsu jammetti li l-flus mir-rikavat ta' dan il-bejgh ma thallsux lill-kumpanija u inoltre' gew prezentati wkoll il-kont bankarju tal-kumpanija. Jirrizulta ampjament li kien l-imputat li talab lil Dione Farrugia (il-kumpratur tal-proprjetajiet in vendita) sabiex ic-cekkijiet jinhargu fuq ismu personali u mhux fuq il-kumpanija Chianti Storm Limited. Jirrizulta wkoll mill-atti processwali li l-kumpanija dak iz-zmien diga' kellha diversi kontijiet pendenti konsistenti fi hlasijiet lill-awdituri, MFSA u VAT u dan kif anki kkonfermat mix-xhieda ta' Dr Pulis.

L-imputat spjega dettaljatament x'ghamel mir-rikavat tal-bejgh ta' din il-proprjeta'. Il-proprjeta' inbieghet ghall-ammont ta' €20,000. Minn dan l-ammont, in-Nutar li ppubblika l-kuntratt zamm l-ammont ta' €2,400 biex tithallas it-taxxa dovuta kif jirrizulta mill-istess att. L-imputat hallas ukoll l-ammont ta' €1,000 lill-awditur tal-kumpanija Robert Cassar fil-21 ta' Dicembru 2012 u €1,000 lil Massimo Briffa. Inkwantu ghall-kumplament, l-imputat jirreferi ghall-iskrittura privata tat-22 ta' Gunju 2011 u jispjega fl-istqarrija tieghu li €4,000 zammhom ghalih billi kienu dovuti lilu bhala kummissjoni fuq il-bejgh liema ammont kien dovut mill-kumpanija. Il-kumplament ossija l-ammont ta' €11,600 l-imputat zammhom billi jsostni li in segwitu ghall-iskrittura tat-22 ta' Gunju 2011 ladarba kien sar il-bejgh tal-proprjeta' immobbli tal-kumpanija huwa kellu jithallas l-ammont

ta' €3,500 fix-xahar u li sa dakinhar huwa ma kien ghadu thallas xejn u anzi mill-kalkoli maghmula minnu kien diga' mar minn taht xi €2,400.

Illi jirrizulta wkoll li saret laqgha bejn Edward Cassar, l-imputat u Dr Pulis (l-avukat tas-sur Cassar dak iz-zmien) f'Dicembru tas-sena 2011. Id-data preciza meta inzammet din il-laqgha ma tirrizultax. Dr Pulis tixhed li kienet qabel il-ferjat u kwindi qabel is-17 ta' Dicembru. L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li din il-laqgha saret f'xi gurnata qabel il-15 ta' Dicembru. Dwar l-ezitu ta' din il-laqgha, Cassar jixhed li ma ftakar xejn. L-imputat min-naha tieghu fl-istqarrija jghid li f'din il-laqgha gie konkluz li Edward Cassar ma kellux jiehu flus. Dakinhar ma kienx waqqfu bhala direttur u kien qallu biex ikompli u fuq suggeriment tal-avukat minn dakinhar 'il quddiem kollox kellu jsir bil-miktub. Dr Pulis min-naha taghha xehdet li Cassar kien qal lill-imputat biex ikompli fl-inkarigu tieghu biss biex ihallas id-djun tal-kumpanija. Huwa wkoll evidenti li dakinhar il-partijiet ma kisruhiex bejniethom tant li Cassar fis-17 ta' Dicembru 2011 baghat sms lill-imputat jiskuza ruhu izda li kellu bzonn il-flus.

Minn dan kollu jirrizulta li fil-fatt l-imputat zamm ghalih parti mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta' li sehh permezz tal-kuntratt ippubblikat fid-29 ta' Novembru 2011. Kif gie ritenut mill-gurisprudenza surriferita jehtieg izda li jigi ppruvat *il dolo.* Din il-Qorti ma tqisx li dan gie ppruvat ghaliex minn dak li rrizulta huwa li l-imputat zamm il-flus ghalih ghaliex jippretendi li dak l-ammont huwa dovut lilu bhala salarju in vista tal-iskrittura privata ffirmata bejnu u Edward Cassar. L-imputat kien dejjem konsistenti f'dan ir-rigward ghal liema raguni zamm il-flus. Dan ma jfissirx li din il-Qorti qeghda taghti ragun lill-imputat ghalfejn zamm il-flus ghandu, pero' fil-fehma tal-Qorti din hija kwistjoni purament civili bejn il-partijiet li ghandha semmai tigi rizolta fil-forum kompetenti.

Ghaldaqstant l-imputat se jigi liberat minn din l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Permezz tat-tieni imputazzjoni u skont in-nota tal-Avukat Generali tar-rinviju ghall-gudizzju l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat ta' frodi. Il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni orali spjegat li din l-imputazzjoni tirreferi ghat-tlett konvenji tal-20 ta' Dicembru 2011.

Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[14].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[15].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[16]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[17].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[18].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[19]

---

[14] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011
[15] Ref  Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[16] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[17] Op cit pagna 357
[18] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*

[19] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….''*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa **"l'elemento del'danno patrimoniale"** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu ghal kwistjoni jekk***

***il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi mill-atti processwali kif diga' inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, Edward Cassar f'Gunju 2011 hatar lill-imputat bhala direttur tal-kumpanija Chianti Storm kif ukoll tah prokura generali, liema prokura giet iffirmata quddiem Nutar Pubbliku u sad-data ta meta saru t-tlett konvenji ma kinitx giet ghadha revokata. Jirrizulta li wara li kien sar il-bejgh tal-proprjeta' ta' Chianti Storm Limited fid-29 ta' Novembru 2011 kien hemm dizgwid bejn Edward Cassar u l-imputat dwar ir-rikavat tal-istess bejgh u dwar il-fatt li Cassar beda jsostni li huwa ma kienx gie avzat minn Scicluna qabel ma' fil-fatt gie konkluz il-bejgh. B'hekk sehhet il-laqgha li wkoll diga' saret referenza ghaliha precedentement. F'din il-laqgha gie wkoll miftiehem li jekk kien se jsir xi haga kellu jsir kollox bil-miktub biex jigi evitat kwalunkwe malintiz.

Jirrizulta imbaghad mill-atti li kien hemm *board resolution* tal-kumpanija Chianti Storm Limited datata 15 ta' Dicembru 2011 liema rizoluzzjoni hija ffirmata mill-imputat u mill-istess Edward Cassar. Din ir-rizoluzzjoni tibda hekk: *It being premised that the sole Director of the Company has requested the sole shareholder of the Company to indicate the agreed market value for the purpose of eventual transfer of the immovable property held by the Company for resale. And that the sole member of the company has acceded to such request.* Permezz ta' din ir-rizoluzzjoni, Edward Cassar bhala l-uniku azzjonist tal-kumpanija ikkonferma li d-direttur tal-kumpanija (l-imputat) *is authorized to sell transfer and convey to third parties the following immovable property belonging to the Company at a price not less than the hereunder specified:*

1. *Divided portion of land at Ta Lanzun at Mensija, San Gwann for a minimum price of €861000 (eight hundred and sixty one thousand Euros)*
2. *The field at Tal-Wardija known at Ta' wied Qannotta at wardija being outside Development Zone for a minimum price of €23300 (twenty three thousand and three hundred Euros)*

3. *The stores and surrounding land forming part of the land at Ta Ghadma or Ta Gerxija at Wardija for a minimum price of €232900 (two hundred and thirty two thousand nine hundred Euros)*
4. *The perpetual utile dominium of the divided portion of land known as Plot 2 of the field known as Ta Barbara in Tal-Ibragg being outside development zone for a minimum price of €20000 (twenty thousand Euros)".*

Din ir-rizoluzzjoni hija ffirmata kemm minn Anthony Scicluna kif ukoll minn Edward Cassar li gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument waqt id-deposizzjoni tieghu. Edward Cassar isostni li huwa ma kienx gie infurmat b'dan il-bejgh. L-imputat Anthony Scicluna nnifsu fl-istqarrija tieghu jghid li qabel ma saru l-konvenji ghamel *property evaluation* tal-artijiet li kien jaf bihom f'isem Chianti Storm Limited u ghamlu l-*extraordinary board resolution*. Peress li huwa kien direttur ta' Chianti Storm Limited ma nfurmax lil Edward Cassar b'dawn il-konvenji billi xi granet qabel tah il-*go ahead* biex ikompli tant li ma kienx nehhih minn direttur.

Diga' saret referenza ghal sms mibghut fis-17 ta' Dicembru 2011 minn Cassar lill-imputat minn fejn huwa evidenti li Scicluna ma kienx twaqqaf mill-inkarigu tieghu. Dan ukoll gie kkonfermat minn Dr Pulis. Mhux kontestat li Cassar ma giex infurmat li kienu se jigu ffirmati t-tlett konvenji li gew iffirmati fl-20 ta' Dicembru 2011.

Kif diga' gie rilevat dawn it-tlett konvenji gew miftehma bejn Anthony Scicluna fil-kwalita' tieghu ta' direttur tal-kumpanija Chianti Storm Limited u Joseph Gauci li deher fil-kwalita' tieghu direttur tal-kumpanija Joseph Gauci Limited. Il-proprjetajiet mertu ta' dawn it-tlett konvenji kienu l-istess proprjetajiet imsemmija fil-board resolution tal-15 ta' Dicembru 2015. Il-prezz indikat fil-konvenji huwa l-istess indikat fl-istess rizoluzzjoni u inoltre' gie ppuvat ukoll li saret evalwazzjoni ta' din il-proprjeta' qabel ma saret il-board resolution mill-Perit Mannie Galea u thejja rapport appozitu liema rapport gie wkoll ikkonfermat li kien thejja mill-istess perit. Kwindi l-valuri indikati ma gewx minfuha jew zvalutati. D'altronde' lanqas gie allegat dan.

Il-prosekuzzjoni ssostni li l-imputat ghandu jinsab hati ta' din l-imputazzjoni ghaliex Joseph Gauci huwa zewgt bintu li jghix mieghu u huwa gardinar u ghalhekk ma kellux mezzi biex ihallas il-prezz pattwit. Filwaqt li rrizulta li huwa minnu li Scicluna huwa haten

Gauci jirrizulta wkoll li Joseph Gauci deher bhala direttur tal-kumpanija Joseph Gauci Limited li ghandha personalita' guridika separata u distinta minn dik ta' Joseph Gauci nnifsu. Din il-kumpanija giet registrata sa minn Marzu 2000. L-uniku azzjonist taghha huwa Joseph Gauci. Anthony Scicluna ghamel zmien ukoll direttur ta' din il-kumpanija mis-sena 2010 sat-3 ta' Novembru 2011. F'din l-ahhar data Scicluna kien ukoll direttur tal-kumpanija Chianti Storm Limited. Edward Cassar ma kellux gharfien ta' dan kollu *a tempo vergine* izda sar jaf b'dawn il-fatti ferm wara l-iffirmar tal-konvenji.

Filwaqt li huwa minnu li Joseph Gauci huwa gardinar ma' kumpanija lokali huwa xehed fis-sens li kien qal lill-kunjatu sabiex jaghmlu xi negozju halli jkollu l-profitt. Huwa evidenti li dan kien ilu fi hsiebu zgur sa mis-sena 2010 u dan anki kif jixhdu l-*memorandum and articles of association* tal-kumpanija li taghha huwa l-uniku azzjonist. Ma jistax ma jigix ukoll innutat li t-tlett konvenji kienu, fost kundizzjonijiet ohra, kollha *subject to bank loan.* Jirrizulta wkoll li t-taxxa fuq il-konvenju thallset mill-istess Joseph Gauci. Fil-fehma tal-Qorti ma giex ippruvat li l-kumpanija Joseph Gauci Limited kienet b'xi mod se takkapparra l-proprjetajiet minghajr ma thallas il-korrispettiv dovut. Lanqas gie ppruvat li l-imputat kien se jiehu l-flus huwa a skapitu tal-kumpanija Chianti Storm Limited. D'altronde' l-imputat kien awtorizzat li jbiegh lil terzi u ai fini tal-ligi Joseph Gauci Limited hija terza persuna. Naturalment l-affarijiet setghu forsi saru ahjar u/jew b'mod differenti u inoltre' wiehed jista' fic-cirkustanzi jsostni li l-konvenji setghu jigu attakkati inkwantu ghal validita' taghhom izda dan iwassal ghal proceduri civili u mhux ghal dawk kriminali bhal dawk odjerni.

Irrizulta wkoll finalment li l-proprjetajiet inkwistjoni ghaddew lura ghand Chianti Storm Limited li ddisponiet minnhom (minghajr l-involviment tal-imputat) kif dehrilha l-ahjar ghall-kumpanija.

Ma jirrizultaw l-ebda raggiri jew ingann li gew perpetrati mill-imputat la ghad-dannu ta' Edward Cassar u laqas ghad-dannu tal-kumpanija.

Ghalhekk l-imputat se jigi liberat anki minn din l-imputazzjoni.

In vista li l-imputat mhux qieghed jinstab hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu lanqas it-tielet imputazzjoni ma tista' tissussisti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Inoltre' billi l-imputat mhux qieghed jinstab hati tordna r-rilaxx tal-assi tieghu liema assi kienu gew iffrizati b'ordni ta' din il-Qorti.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat